**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**
**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 3 ta' Ottubru, 2024**

**Kawża Numru: 10**

**Rikors Numru:- 389/2023 JVC**

**KHALIL REZK GADALLA KHALIL**

**VS.**

1. **L-ONOREVOLI PRIM MINISTRU**
2. **L-AVUKAT TAL-ISTAT**
3. **IL-MINISTRUTAL-AFFARIJET BARRANIN**
4. **IL-MINISTRU TAL-GUSTIZZJA U L-INTERN**
5. **IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA**
6. **ID-DIRETTURTAD-DIPARTIMENT TAC-CITTADINANZA U TAL-EXPATRIATES**

Il-Qorti

Rat ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrent Khalil Rezk Gadalla Khalil (ID 39946A) li permezz tieghu premetta u talab kif isegwi:

'Illi l-esponenti, persuna ta' nazzjonalita' Egizzjana, ilu jghix b'mod permanenti f'Malta sa mis-sena 1998, fejn huwa dejjem gie koncess il-visa relattiva sabiex huwa jkun jista' jirrisjedi b'mod permanenti fil-gzejjer Maltin;

Illi effettivament l-esponenti gie anke koncess diversi permessi tax-xoghol, mill-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig, referenzi ETC/ELU/21510/61107,ETC/ELU/37934/61107,u ETC/ELU/59763/61107.

Illi l-esponenti ghandu rabtiet sodi ma' dawn il-gzejjer, u ghandu wkoll familjari tieghu li jghixu f'Malta, fosthom huh Khalel Ibrahim Gad Alla Rezk Gad Alla, detentur tal-karta tal-identita' numru CC39946A, li huwa mizzewweg cittadina Maltija, Maria Bernarda Gad Alla Rezk Khalel;

Illi l-esponenti jokkupa wkoll kariga fil-kumpanija Rocky & Co Limited (C 36840), liema kumpanija hija registrata ma' l-Awtorita' ta' Malta dwar is-Servizzi Finanzjarji, u ghalhekk ghandu wkoll interess finanzjarja f'pajjizna, liema kariga huwa ilu jokkupa sa mis-sena 2006;

Illi l-esponenti huwa persuna ta' karattru tajjeb. Ghandu kondotta netta u qatt ma kellu problema mal-Gustizzja.

Illi ricentement, l-esponenti gie nfurmat li mhux ser jinghata permess sabiex ikompli jirrisjedi f'dawn il-Gzejjer, u gie nfurmat li l-permess sabiex jirrisjedi f'dawn il-Gzejjer mhux ser jigi estiz;

Illi l-esponenti ghandu rabtiet sodi ma' dawn il-Gzejjer, fosthom il-familjari tieghu, li jghixu b'mod permanenti f'Malta.

Illi inoltre, in vista tal-fatt li l-esponenti ilu jirrisjedi b'mod permanenti f'dawn il-Gzejjer sa mis-sena 1998;

Illi fil-fehma tal-esponent dan l-istat ta' fatt huwa leziv ghal Artikolu 8 tal-Konvenzjoni tal-Ewropa dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u wkoll l-artikolu 3 ta' l- istess konvenzjoni u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni, ossia d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja u d-dritt ta' protezzjoni minn trattament inuman u degradanti, u dan peress li r-rikorrenti qieghed ikun imcahhad milli jinghata permess sabiex jirrisjedi f'dawn il-Gzejjer minghajr ebda raguni valida, u mhux qieghed jinghata access fid-determinazzjoni ta' din id-decizjoni;

Illi in oltre jekk kemm il-darba l-esponent jintbaghat lura lejn l-Egittu huwa ser isib ruhu f'pajjiz ma' liema m'ghandu l-ebda konnessjoni.

Illi l-esponent kien intavola appell mit-Tribunal dwar l-Appell dwar l- Imigrazzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) liema appell huwa fl-ismijiet Khalil Rezk Gadalla Khalil Vs Ufficjal Principali Tal-Immigrazzjoni (Appell 99/2022LM) u differit ghas-26 ta' Lulju 2023 ghas-sentenza.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost, l-esponenti, umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1.Tiddikjara illi bil-fatti hawn esposti, ir-rikorrenti sofra vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghar-rispett tal-hajja privat u tal-familja u d-dritt ta' protezzjoni minn trattament inuman u degradanti kif protetti fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni tal-Ewropa dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u wkoll l-artikolu 3 ta' l-istess Konvenzjoni u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni, u ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti taghtih ir-rimedji kollha xierqa u opportuni f'dan ir-rigward;

2. Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, inkluz illi tordna li jinhareg permess ta' residenza fit-tul u/jew tordna li l-esponent m'ghandux jitkecca minn Malta.

Bl-ispejjez.'

Rat ir-risposta tal-intimati kollha li taqra kif isegwi:

'Illi l-lanjanza tar-rikorrent hija illi peress illi l-awtoritajiet ma acceddewx ghat-talbiet tieghu ghal permess sabiex jirrisjedi Malta u peress illi huwa ser jintbaghat lura l-Egittu minhabba ordnijiet illi huma vigenti dan huwa leziv tad-drittijiet fundamentali tieghu abbazi tal-artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan ghaliex skontu huwa ghandu rabtiet sodi mal-gzejjer Maltin, ghandu huh li mizzewweg persuna Maltija u neputija li jirrisjedu Malta u ghandu xoghol u interess finanzjarju f'Malta. Huwa jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti taghtih rimedji xierqa inkluz ordni sabiex jinghata permess ta' residenza fit-tul u/jew tordna li l-esponent m'ghandux jitkecca minn Malta;

**<u>Dikjarazzjoni tal-Fatti</u>**

Illi l-esponent Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u tal-Expatriates jirrileva illi t-talba ghal *temporary residence* giet michuda fil-31 ta' Jannar 2018 liema decizjoni giet kkonfermata mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni fit-2 ta' Mejju 2018 bhala wahda korretta. It-*temporary residence permit* ma setghetx tibqa tiggeded ghas-semplici fatt illi dan il-permess kien marbut mal-fatt illi l-kundizzjoni ghalfejn din bdiet tiggeded dak iz-zmien kienet ghaliex kien hemm proceduri kostituzzjonali li jgibu r-rikors numru 3/2011 li ssoktaw fl-24 ta' Gunju 2015;

Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija bhala Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni (PIO) jirrileva illi fl-10 ta' Gunju 2018 inhargu

*removal order* u *return decision stante* illi r-rikorrent huwa meqjus bhala immigrant projbit *ai termini* tal-artikolu 5 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi r-rikorrent appella minn din id-decizjoni tal-PIO quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni. Illi mill-atti ta' dawk il-proceduri jirrizulta illi dawk il-proceduri gew sospizi minhabba illi r-rikorrent applika ghal azil liema talba ghal azil giet michuda fis-6 ta' Lulju 2018 mill-Kummissarju ghar-Refugjati (illum Agenzija ghal Protezzjoni Internazzjonali) liema decizjoni giet ikkonfermata mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati fit-30 ta' Lulju 2020. Il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni ghaddha sabiex jichad l-appell tieghu permezz ta' decizjoni moghtija fis-7 ta' Lulju 2022. Ir-rikorrent appella mid-decizjoni tal-Bord quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Lulju 2022 liema Qorti cahdet l-appell tar-rikorrent fis-26 ta' Lulju 2022 *stante* illi kien tardiv in vista ta' dak illi jistipula l-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fis-26 ta' Lulju 2023 ossia fl-istess data meta nghatat is-Sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) giet intavolata din il-kawza kif ukoll it-talba ghal mizura ad interim;

Illi it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda abbazi tal-eccezzjonijiet li jsegwu li qieghdin jinghataw minghajr pregudizzju ghal xulxin:

**<u>Eccezzjonijiet Preliminari</u>**

1. Illi l-esponent Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u tal-Expatriates jirrileva illi r-rikorrent m'ghandu ebda ID card li ggib in-numru 33013L kif indikat fir-rikors in risposta u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghanda tidderigi r-rikorrent jirregola ruhu f'dan ir-rigward;

2. Illi l-esponenti l-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Generali, il-Ministru tal-Affarijiet Barranin u l-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern kollha m'humiex legitimi kontradituri ghat-talbiet tar-rikorrent *ai termini* tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta'

Malta u ghandhom ghalhekk jigu dikjarati bhala tali u jinhelsu mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi l-esponenti jecepixxu illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha kostituzzjonali *stante* illi r-rikorrent kellu mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat li kienu disponibbli favur ir-rikorrent skont xi liġi oħra u dan *ai termini* tal-*proviso* tas-sub-artikolu 2 tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-*proviso* tas-subartikolu 2 tal-artikolu 4 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan in vista tal-proceduri fl-ismijiet ***Khalil Rezk Gadalla Khalil vs L-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni*** (99/2022LM) li ssoktaw fis-26 ta' Lulju 2023 permezz ta' Sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (**kopja tas-Sentenza hawn annessa u mmarkata Dok 'PIO 1')** u in vista tas-Sentenza tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni tat-2 ta' Mejju 2018 fl-ismijiet ***"Mr Khalil Rezk Gadalla Khalil vs The Director of the Department for Citizenship and Expatriate affairs"*** (hawn annessa u mmarkata Dok '**PIO 1B**')

**<u>Eccezzjonijiet fil-Mertu</u>**

4. Illi l-esponenti jecepixxu illi r-rikorrent m'ghandu ebda dritt sagrosant li jibqa' jirrisjedi Malta u dan *stante* illi r-rikorrent ma jgawdi minn ebda permess ta' xoghol u/jew residenza mill-Aġenzija Identity Malta jew permess ta' regolarizazzjoni mill-Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni. Wisq anqas ma r-rikorrent igawdi minn Protezzjoni Internazzjonali li diga' prova jikseb matul iz-zmienijiet (u dan kif jirrizulta fis-sentenza tas-26 ta' Lulju 2023 tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)) tramite applikazzjonijiet quddiem l-Agenzija ghal Protezzjoni Internazzjonali gja l-Kummissarju ghar-Refugjati. Ghalhekk mil-lat amministrattiv ir-rikorrent m'ghandu ebda jedd illi jirrisjedi Malta fuq bazi *prima facie;*

5. Illi l-applikazzjoni tar-rikorrent ghal permess ta' residenza giet deciza mill-Agenzija Identity Malta fil-31 ta' Jannar 2018, minn liema decizjoni kien hemm appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni liema Bord ikkonferma d-decizjoni ta' dik l-Agenzija kif rapprezentata mid-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u tal-Expatriates. Kif diga' gie sottolinjat, dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tindaga l-mertu tad-decizjonijiet tal-awtoritajiet. Madanakollu l-esponenti jirrilevaw illi c-cahda ghal permess fir-residenza fit-tul lanqas biss tezisti u dan *stante* illi r-rikorrenti qatt m'applika ghal permess ta' residenza fit-tul;[1]

6. Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija bhala Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni jecepixxi illi d-decizjonijiet tal-10 ta' Gunju 2018 ossia *removal order* u *return decision* gew ikkonfermati kemm mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni u mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u li ghalhekk il-legalita' taghhom m'hijiex mittiefsa. Dan ifisser illi r-rikorrent huwa immigrant projbit li ghandu jigi ritornat lejn pajjizu;

7. Illi l-esponenti jecepixxu illi ma jezisti ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan ghaliex illi l-fatt illi r-rikorrent kien inghata permessi li jirrisjedi Malta fil-passat u li ghandu interess finanzjarju hawn Malta ma jfissirx illi l-awtoritajiet Maltin ma jistghux jezercitaw id-dritt u l-obbligu taghhom li jissalvagwardjaw is-sigurta' pubblika tal-pajjiz kif fil-fatt ghamlu. Il-fatt ukoll illi r-rikorrent ghandu huh u neputija jghixu Malta ma jfissirx illi d-dritt ghal rispett tal-hajja familjari qieghed jigi lez. L-obbligu ta' l-Istat huwa li jirrispetta d-dritt ghall-hajja familjari u mhux li jikkoncedi d-dritt lil xi persuna li tistabilixxi jew li tkompli hajja familjari f'gurisdizzjoni partikolari. Il-Qrati tennew illi lanqas f'cirkostanzi fejn persuna jkollu minuri tal-persuna stess ma jfisser illi awtomatikament hemm lezjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Fuq dan il-punt l-esponenti jistiednu lil dina l-Onorabbli Qorti taghmel referenza ghad-digriet moghti fil-5 ta' Awissu 2021 fl-ismijiet ***Ekramy Abdel***

[1] Vide estratt tar-risposta tal-intimati elenkata fis-Sentenza 3/2011 deciza fl-24 ta' Gunju 2015

***Aziz Mobarak vs L-Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni et*.** Kjarament f'dan il-kaz kull ma qieghed jigi allegat illi huwa ghandu huh u neputija u xejn aktar. Ma jfissirx illi ghaliex persuna jkollu familjari gewwa pajjiz l-Istat jitlef id-dritt illi jirregola s-sigurta' pubblika fuq persuna li m'ghandhiex dritt la pubbliku u lanqas civili illi tirrisjedi gewwa l-pajjiz;
L-esponenti jissottomettu illi in kwantu r-rikorrenti qed jilmenta mill-fatt illi bit-tnehhija tieghu minn Malta huwa ser isoffri ksur ta' drittijiet protetti permezz ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, jigi rilevat illi l-ghoti jew it-tnehhija tad-dritt ta' residenza m'huwiex dritt li johrog mill-Konvenzjoni Ewropeja u ghalhekk l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ma jistax jigi invokat ghall-kaz odjern;

8. Illi l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja jintroduci l-lista ta' drittijiet u libertajiet fundamentali li dwarhom l-Istati firmatarji qed jobbligaw ruhhom li jharsu fit-territorju taghhom. Il-lista hija tassattiva u ezawrijenti. Imkien fil-lista ta' drittijiet u libertajiet ma hemm elenkat id-dritt ta' l-ghoti jew tnehhija ta' permessi ta' residenza jew xi haga ekwivalenti ghalih.

   Illi materja li tirrigwarda ghoti jew tnehhija ta' permessi ta' residenza hija kwistjoni ta' dritt pubbliku. Illi l-esponenti jirribattu wkoll illi d-decizjoni ta' tnehhija ta' permessi ta' residenza hija wkoll gusta stante illi ttiehdet wara process gjust u revizjoni li saret mill-Qorti tal-Appell.

9. Illi dwar l-allegazzjoni tal-ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta l-esponenti jecepixxu illi l-ezercizzju jekk ir-rikorrent kellux jinghata Azil jew Protezzjoni Internazzjonali sar mill-awtoritajiet kompetenti liema talbiet gew michuda. Illi oltre minn dan, la f'dawn il-proceduri u lanqas fil-proceduri amministrattivi u gudizzjarji imsemmija qabel ma ngabet prova imqar wahda tal-allegat trattament degradanti li jsofri r-rikorrent jekk imur lura l-Egittu. Id-decizjonijiet dwar l-azil gew kristalizzati mill-awtoritajiet kompetenti u ghalhekk m'ghandhomx jigu mistharrga minn

dina l-Onorabbli Qorti ghaliex ir-rikorrent semplicement jixtieq jibqa' jirrisjedi gewwa l-gzejjer Maltin;

Illi *di piu'* jinghad illi fis-7 ta' Dicembru 2022 u cjoe' pendenti l-appell li kellu quddiem il-Qorti tal-Appell, ir-rikorrent talab lill-Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni assistenza sabiex ikun jista' jmur l-Egittu u jara t-tfal tieghu (kopja tal-ittra qieghda tigi annessa u mmarkata Dok **'PIO 3'**). Ghaldaqstant m'huwa minnu xejn illi huwa m'ghandu ebda konnessjoni mal-Egittu;

10. Illi l-esponenti jecepixxu illi t-tieni talba tar-rikorrent ma tistax tintlaqa' *stante* illi l-funzjoni ta' Qorti munita b'poteri kostituzzjonali, ghalkemm wiesgha fid-diskrezzjoni taghha illi taghti rimedji xierqa, certament m'hijiex dik illi tadossa fuqha poteri amministrattivi illi jsarrfu fi hrug ta' permess ta' residenza fit-tul u/jew li tirrevoka *removal order* u *return decision* ta' awtoritajiet amministrattivi;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

12. Bl-Ispejjez.'

Rat ix-xhieda, affidavits, dokumentazzjoni u provi kollha fl-atti;

Rat l-atti annessi bin-numri 99/2002 LM fl-isem Khalih Rezk Gadalla Khalil vs. L-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni u hadet kont tal-kontenut kollu tal-istess (ara verbal datat 5 ta' Settembru 2023 fol. 31);

Rat l-atti kollha tar-rikors interim;

Rat illi fil-verbal tal-5 ta' Settembru, 2023 gie sorvolata l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati dwar in-numru tal-karta tal-identita' b'dana li saret id-debita korrezzjoni fir-rikors promotorju.

Rat illi fil-verbal datat 14 ta' Marzu, 2024 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-ilment kostituzzjonali odjern ir-rikorrent ta' nisel Egizzjan u li ilu jghix Malta sa mis-sena 1998 jallega li bl-ordni tal-awtoritajiet Maltin sabiex huwa jirritorna fl-Egittu hu ser isofri vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja u d-dritt ta' protezzjoni minn trattament inuman u degradanti fit-termini tal-Ariktolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-artikolu 3 tal-istess Konvenzjoni u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Jitlob ghalhekk li din il-Qorti taghti r-rimedji kollha xierqa u opportuni nkluz billi tordna li jinhareg permess ta' residenza fit-tul u/jew tordna li r-rikorrent ma jitkecciex minn Malta.

Illi l-intimati jeccepixxu fl-ewwel lok li l-Onorevoli Prim Ministtu, l-Avukat Generali, il-Ministru tal-Affarijiet Barranin u l-Ministru

tal-Gustizzja u l-Intern m'humiex legittimi kontradditturi ghat-talbiet tar-rikorrent fit-termini tal-artikolu 181B tal-Kap. 12, Kodici ta' Organizzazzjoni u Procudura Civili ta' Malta. Jeccepixxu wkoll in-non ezawriment tal-mezzi ordinarji da parti tar-rikorret b'dana li jitolbu li din il-Qroti tirrifjuta li tezercita' l-poteri kostituzzjonali taghha. Fil-mertu jsostnu li r-rikorrent ma ghandu l-ebda dritt fil-ligi li jghix Malta u li ma sehh l-ebda ksur tal-artikoli indikati mill-Konvenzjoni u mill-Kostituzzjoni ta' Malta.

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) datata 26 ta' Lulju, 2023 a fol. 11 et seq tal-process li sabiex wiehed jifhem ahjar dak kollu li wassal ghar-rikors kostituzzjonali tal-lum, din il-Qorti tqis li ghandha tigi riportata f'din id-decizjoni kif isegwi:

**'Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent Khalil Rezk Gadalla Khalil, [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tas-7 ta' Lulju, 2022, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha l-Bord iddeċieda li rrikorrent naqas milli jippreżenta biżżejjed provi sabiex jirribatti l-elementi li taw lok għall-ħruġ tal-ordni ta' ritorn u ta' tkeċċija minn Malta u żamma mid-dħul lura ġewwa Malta mill-intimat l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni [hawnhekk 'l-appellat'], filwaqt li l-appellat irnexxielu jġib il-prova li r-rikorrent ma jikkwalifikax u ma ottjeniex protezzjoni internazzjonali. Il-Bord iddeċieda wkoll li bid-deċiżjoni tiegħu huwa ma kienx qiegħed b'xi mod jagħti lok għal vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u għalhekk ċaħad l-appell interpost mir-rikorrent.

**<u>Fatti</u>**

2. Fit-13 ta' Ġunju, 2018, ir-rikorrent kien ġie infurmat li fil-konfront tiegħu kien hemm ordni ta' ritorn u ta' tkeċċija minn Malta u żamma mid-dħul lura ġewwa Malta maħruġa mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni. F'din id-deċiżjoni, huwa ġie infurmat li kien aġixxa bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, jew ta' xi wieħed mir-regolamenti magħmula taħtu, u li huwa kien fi ksur ta' xi waħda mill-kundizzjonijiet li taħtha huwa ngħata permess jinżel jew jinżel u jibqa' f'Malta, u li abbażi tagħha ngħata wkoll permess ta' residenza. Ir-rikorrent ġie mgħarraf ukoll li ċ-ċirkostanzi li abbażi tagħhom huwa ngħata permess joħroġ minn Malta jew jibqa' f'Malta jew il-permess li abbażi tiegħu huwa ngħata permess ta' residenza, ma kinux għadhom jeżistu, u għalhekk inħarġet Ordni tat-Tneħħija u għar-Ritorn fil-konfront tiegħu.

3. Ir-rikorrent spjega li huwa kien ilu jgħix f'Malta erbgħa u għoxrin sena, u erba' snin qabel huwa ntalab jirritorna lura lejn pajjiżu. Qal li huwa kien applika għall-ażil, iżda din l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata. Minħabba f'hekk huwa kien anki ressaq appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni.

4. Permezz tar-rikors tal-appell tiegħu quddiem il-Bord, ir-rikorrent spjega li huwa persuna ta' nazzjonalità Eġizzjana li kien ilu jgħix f'Malta mis-sena 1998. Qal li huwa kien ingħata visa sabiex ikun jista' jirrisjedi f'Malta, u tul is-snin inħarġulu wkoll diversi permessi ta' xogħol mill-awtoritajiet tal-pajjiż. Ir-rikorrent spjega li tul is-snin huwa kkultiva rabtiet sodi ma' Malta, u għandu wkoll diversi qraba jgħixu Malta, fosthom ħuh li huwa miżżewweġ persuna Maltija u li għandu wkoll familja f'Malta. Ir-rikorrent qal li għandu ħuh ieħor jgħix f'pajjiż Membru tal-Unjoni Ewropea. Spjega li huwa kellu pożizzjoni fil-kumpannija Rocky & Co Limited (C 36840), li kienet irreġistrata mal-awtoritajiet Maltin, u fil-preżent huwa qiegħed fil-proċess li jirriattiva din il-kumpannija. Qal li fl-1998, mal-wasla tiegħu f'Malta, huwa kien applika għal permess tax-xogħol, liema permess kien ingħatalu, u dan il-permess baqa' jiġġedded mill-awtoritajiet kompetenti. Qal li xi żmien wara huwa applika għal long-term residence, iżda dan il-permess ġie rifjutat. Spjega li f'dan ir-rigward huwa kien fetaħ proċeduri kostituzzjonali, iżda dawn il-proċeduri ma kellhomx eżitu favur tiegħu. Qal ukoll li huwa applika diversi drabi għall-ażil, minħabba fil-kunflitti li kien għaddej minnhom pajjiżu, iżda li dawn l-

applikazzjonijiet dejjem ġew rifjutati. Qal li wara dan kollu, kienet inħarġet l-Ordni tat-Tneħħija u għar-Ritorn mill-appellat.

5. Ir-rikorrent spjega li huwa persuna b'karattru tajjeb, u kemm ilu f'Malta qatt ma kellu problemi mal-awtoritajiet jew mal-ġustizzja. Qal li huwa għandu rabtiet mill-qrib ma' Malta, fejn ilu madwar tlieta u għoxrin sena, ikkultiva rabtiet mill-qrib mal-komunità Maltija flimkien ma' membri tal-familja tiegħu. Spjega li huwa ġie Malta meta kellu sebgħa u tletin sena, u issa qabeż is-sittin sena. Qal li kemm ilu jgħix Malta, huwa bena ħajtu hawnhekk, u ffamiljarizza ruħu mal-istil ta' ħajja f'Malta. Qal ukoll li huwa integra kemm fil-kultura Maltija kif ukoll f'dik Kristjana, u ħajtu hija bbażata f'Malta esklussivament. Qal ukoll li f'każ li huwa jintbagħat lura lejn l-Eġittu, huwa jkun kostrett li jinfired mill-kumplament tal-membri tal-familja tiegħu, u jkun imċaħħad milli jeżerċita d-dritt għall-ħajja privata u tal-familja. Żied jgħid li kemm ilu jgħix Malta, huwa qatt ma kien ta' piż fuq l-Istat Malti u biex jgħix qatt ma ddependa fuq l-għajnuna soċjali. Kien għalhekk li huwa ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni.

6. Jirriżulta li fil-mori tal-proċeduri quddiem il-Bord, ir-rikorrent kien involut fil-ħolqien ta' kommozzjoni fil-bini tal-Bord, u minħabba f'hekk kellha tintalab l-assistenza tal-Pulizija. Jirriżulta wkoll li għal xi żmien ir-rikorrent inżamm f'ċentru ta' detenzjoni għaliex għadda minn diversi proċeduri, uħud minnhom imorru lura sal-2015. Waqt ix-xhieda quddiem il-Bord tal-Ispettur Frankie Sammut għall-intimat, ġie stabbilit li r-rikorrent kellu permess temporanju biex jirrisjedi f'Malta, u dak iż-żmien kellu kawża pendenti. Ix-xhud spjega li rrikorrent kellu jħallas xi spejjeż legali wara dawk il-proċeduri, u fil-fatt ġiet esebita ittra uffiċjali mill-Avukat Ġenerali kontra r-rikorrent. Ix-xhud spjega li rrikorrent kellu joħroġ passaport ġdid sentejn qabel, iżda huwa naqas milli jagħmel dan. B'riferiment għall-inċident li nqala' meta r-rikorrent qala' kommozzjoni fl-uffiċini tal-Bord, l-istess xhud qal li dan wera li r-rikorrent huwa ta' theddida għas-sigurtà pubblika. Il-Bord sema' wkoll xhieda indipendenti, fosthom lill-Psikjatra Mark Xuereb, u eventwalment għadda għad-deċiżjoni li rrikorrent kellu jinħeles mid-detenzjoni bil-ħlas ta' depożitu ta' €5,000 bħala garanzija. Dan ir-rilaxx kien suġġett għal numru ta' kundizzjonijiet, fosthom li r-rikorrent jipprovdi d-dettalji ta' persuna li ser taġixxi bħala garanti tiegħu, u li ser tkun qegħda tappoġġjah finanzjarjament. Ir-rikorrent kellu jiffirma wkoll fl-eqreb għassa tal-Pulizija tal-lokalità fejn ser

ikun qiegħed jirrisjedi. Ir-rikorrent ġie prekluż ukoll milli jkun fil-viċinanzi tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni jew li javviċina lill-membri tal-istess Bord.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

7. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-7 ta' Lulju, 2022, il-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrenti, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Dan huwa appell minn ordni ta' deċiżjoni ta' ritorn u tkeċċija minn Malta u żamma mid-dħul lura ġewwa Malta maħruġa mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni datata 13 ta' Ġunju, tas-sena 2018 abbażi tal-fatt li l-appellant:-

You landed or are in Malta without leave from the Principal Immigration Officer;

You contravened the provisions of the Immigration Act or any of the regulations made thereunder;

You did not comply or ceased to comply with any of the conditions, including an implied condition, under which you were granted leave to land or to land and remain in Malta or was granted a residence permit;

The circumstances which determined the granting of leave to land or to land and remain in Malta or the extension of such leave or the granting of a residence permit ceased to exist.

Matul il-kors ta' dan l-appell inżammu diversi seduti u tressqu diversi provi, kemm dawk dokumentati u kif ukoll verbali. Illi in segwitu għas-sottomissjonijiet bil-miktub tal-appellant, il-Bord tal-Appell dwar Immigrazzjoni ser jgħaddi għas-sentenza.

Fatti tal-Każ

Illi l-appellant hu ta' nazzjonalità Eġizzjana u ilu jgħix u jirrisjedi Malta sa mis-sena 1998. Ċirka tlieta u għoxrin (23) sena l-appellant kienet inħarġitlu viża sabiex jgħix ġewwa Malta. L-appellant kien ingħata wkoll diversi permessi

sabiex ikun jista' jaħdem. Nhar it-13 ta' Ġunju, 2018 inħarġitlu ordni ta' ritorn u ordni ta' tneħħija kif indikat supra. Mal-ħruġ tal-ordni ta' ritorn u ordni ta' tneħħija l-appellant iddikjara li kien ser japplika għal ażil u l-ordni ta' ritorn u l-ordni ta' tneħħija ġiet konvertita f'ordni ta' detenzjoni. Tul il-kors tas-smigħ tal-ordni ta' detenzjoni l-appellant kien inħareġ mid-detenzjoni, liema ħruġ kien regolat b'kundizzjonijiet imposti millPrinċipal tal-Immigrazzjoni. Il-Bord tal-Immigrazzjoni ddeferixxa l-appell tal-appellant diversi drabi stante li d-deċiżjoni dwar it-talba għal ażil magħmula mill-appellant damet biex ġiet deċiża. Fil-15 ta' Awwissu, 2020, il-Bord tal-Immigrazzjoni ġie nfurmat li t-talba għal ażil ġiet rifjutata u l-appell tal-appellant reġa' kompla.

Sussegwentement inżammu diversi seduti fejn tressqu diversi xhieda fosthom Jobsplus fejn ġie spjegat li l-appellant kien Direttur ta' Kumpannija bejn is-sena 2007 sas-sena 2010. Kif ukoll li mis-sena 2011 sas-sena 2018 ma rriżulta ebda impjieg reġistrat fuq l-appellant. Identity Malta xehdu dwar applikazzjoni ta' permess għal residenza li kien issottometta l-appellant bl-ewwel applikazzjoni tkun dik fis-sena 2013, tnejn fis-sena 2014 u 2015 u oħra fis-sena 2016. Fis-sena 2017 Identity Malta kienu rrevokaw il-permess. Irriżulta ukoll mill-atti li l-Bord tal-Immigrazjoni Diviżjoni I kien tah deċiżjoni datata 2 ta' Mejju, 2018 wara d-deċiżjoni ta' Identity Malta fejn permezz tagħha l-applikazzjoni tal-appellant għal permess ta' residenza temporanja kienet ġiet rifjutata. Fit-2 ta' Mejju, 2018, il-Bord tal-Immigrazzjoni Diviżjoni I kien irrifjuta appell tal-appellant.

Irriżulta wkoll mill-atti ta' dan l-appell li l-appellant kien intavola kawża Kostituzzjonali fl-ismijiet **Khalil Rezk Gadalla Khalil vs 1. L-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali; 2. Il-Ministru tal-Affarijiet Barranin, 3. Il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, 4. Il-Kummissarju tal-Pulizija; 5. U d-Direttur tad-Dipartiment taċĊittadinanza u tal-Expatriates**, rikors numru 3/2011 JA u ngħatat sentenza nhar l-24 ta' Ġunju, 2015 fejn ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti u laqgħet l-eċċezzjonijiet imsemmija tal-intimati fejn irrifjutat li teżerċita s-setgħat tagħha tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u 46(2) tal-Kostituzzjoni.

F'Novembru tas-sena 2020 il-Bord tal-Immigrazzjoni ġie nfurmat li l-appellant kien ser jintavola applikazzjoni oħra tal-ażil. Fl-14 ta' Diċembru, 2020 l-IPAT infurmat lill-appellant li kien ser jiġi nfurmat jekk it-talba tiegħu hix ser tiġi kkunsidrata. Fid-19 ta' Lulju, 2021 it-talba ġiet rifjutata. Fis-sottomissjonijiet tiegħu l-appellant jgħid li jekk l-ordni ta' tkeċċija tiġi kkonfermata, dan jagħti

lok għal vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ċioe d-dritt għal familja.
"L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tgħid hekk:
"8(1) There shall be no interference by a public authority with the exercise of this right as in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of national security, public safety or the economic well-being of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, or the for the protection of the rights and freedoms of others."

Jinkombi qabel xejn fuq l-appellant li jipprova li hu qiegħed igawdi ħajja ta' familja qabel ma jista' biss jingħad li jekk il-Bord jikkonferma l-ordni ta' tkeċċija dan ser jagħti lok għal vjolazzjoni u interferenza mill-Istat.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem estendiet bid-deċiżjonijiet tagħha t-tifsira ta' familja oltre dik ta' waħda formali bbażata fuq il-kunċett tradizzjonali taż-żwieġ (ara Johnston vs Ireland A 112 (1986). F'ċerti ċirkostanzi tista' tinkludi relazzjonijiet potenzjali jew anki pjanati fil-futur (ara Keegan vs Ireland A 290 (1994). Kif jgħidu lawturi Harris, O'Boyle and Warbrick fil-ktieb "Law of the European Convention on Human Rights" (Oxford 2nd ed. 2009):

"It should be noted at the outset that the obligation on the state is to respect family life: it does not allow persons to claim a right to establish family life, e.g. by marrying or having the opportunity to have children by whatever means, nor a general right to establish or enjoy family life in a particular jurisdiction."

Għalkemm l-istess awturi iżidu illi: "... the right to respect for one's family life may involve recognition by the state of the reality of family life already established". Iżidu illi "if the parents cohabit but are unmarried, it will usually be the case that they enjoy family life together and with their children (ara Johnston vs Ireland A 112 (1986)"; "Prospective relationships as husband and wife that is to say, those between present fiancé and fiancée may be regarded as family life if they are sufficiently established" (Wakefield vs UK 15817/89). When the union between partners is informal, it will depend on all the facts whether it constitutes family life. Stability of the relationship over a period of time and the intention of the partners are significant factors."

L-ingredjent essenzjali tal-ħajja ta' familja hu d-dritt li l-koppja tgħix flimkien biex ir-relazzjoni tiżviluppa b'mod normali u l-membri tal-familja jkunu jistgħu jgawdu lil xulxin. F'dan il-każ il-provi prodotti mill-appellant biex juru bilanċ ta' probabbilità ma ntwerewx u ma nġiebet ebda prova li l-appellant qed igawdi minn ħajja familjari.

"L-Artikolu 8(1) jipproteġi d-dritt għar-rispett għal varji interessi hemm imsemmija fosthom id-dritt għal ħajja familjari. Tali użu ta' kelma speċifika tagħmilha ċara li mhux kull dritt ta' awtorità pubblika li jista' jkollha impatt fuq tali eżerċizzju jsarraf fi vjolazzjoni ta' dan id-dritt." Jinkombi fuq l-appellant li tistabilixxi li l-interess protett hu wieħed minn dawk enunzjati fl-artikolu 8(1) liema dritt qed jiġi vvjolat għax qed isiru interferenzi mill-istati tali li mhux qed jingħata r-rispett biex dan id-dritt ta' ħajja familjari jitgawda fl-aspett pożittiv tiegħu."

Il-Bord jagħmel referenza għas-sentenza mogħtija datata 31 ta' Jannar, 2006 flismijiet **Mohannid Sogr Garzadin vs l-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali tarRepubblika, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni**, application number 35/2005 mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali.

Il-Qorti tenniet, "Il-fatt illi persuna jkollha familja f'Malta u għalhekk għandha jedd għall-ħarsien tal-ħajja tal-familja ma jfissirx illi dik il-persuna hija meħlusa milli tħares id-disposizzjonijiet tal-liġi dwar l-immigrazzjoni, għax l-artikolu 8 stess jagħti lill-Istat is-setgħa illi jirregola dan il-jedd b'liġi sabiex iħares inter alia "l-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż".

L-appellant ma ressaq ebda prova li turi li għandu rabtiet ġewwa Malta, li għandu xi attività ekonomika bi qliegħ jew impjieg. L-appellanti semma li ġewwa Malta jgħix ħuh flimkien mal-mara u t-tfal, però ma ġewx prodotti provi li juru xi rabta bejn l-appellant u ħuh għajr dik li ntqal li huma aħwa. Dwar impjieg irriżulta mix-xhieda li lappellant m'għandux impjieg u ma nġiebet ebda prova li turi li l-appellanti għandu l-mezzi biex isostni lilu nnifsu.

Illi inoltre l-appellant ma ġab ebda prova oħra li permezz tagħha tirribadixxi l-ordni ta' ritorn u tkeċċija minn Malta.

**Decide**

Illi abbażi tal-provi kollha li ġew prodotti mill-partijiet tul il-kors tas-smigħ ta' dan l-appell jirriżulta li l-appellant naqas milli jġib il-provi sabiex jirribatti l-elementi li taw lok għal ħruġ tal-ordni ta' ritorn u tkeċċija minn Malta. Min-naħa tiegħu l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni rnexxielu jġib il-prova li l-appellant ma kkwalifikax u ma ottjeniex protezzjoni internazzjonali.

Inoltre bid-deċiżjoni tiegħu, il-Bord ma jħossx li b'xi mod qiegħed jagħti lok għal vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għar-raġunijiet kif ukoll ġew ampjament spjegati supra.

Illi in vista tal-provi kollha prodotti, il-Bord qiegħed jiċħad l-appell interpost u jikkonferma l-ordni ta' ritorn u tkeċċija minn Malta tal-appellant ai termini tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta."

**<u>L-Appell</u>**

8. L-appellant ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata fid-19 ta' Lulju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka d-deċiżjoni appellata fejn ġie iddikjarat li l-appellant ma ottjeniex u ma jikkwalifkax għall-protezzjoni internazzjonali, kif ukoll fejn ġie ddikjarat li m'hemm l-ebda lok għal vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u talab li l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni għall-kontinwazzjoni tal-każ u għall-konsiderazzjoni tal-appell tiegħu.

9. L-appellant spjega li l-appellat Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni kien ħa deċiżjoni li għandha tinħareġ Ordni ta' Tneħħija u għar-Ritorn fil-konfront tiegħu, għaliex kien instab li huwa immigrant ipprojbit. Qal li huwa kien ilu Malta għoxrin sena meta ntalab jirritorna lura lejn pajjiżu, u b'kollox ilu Malta erbgħa u għoxrin sena. Qal li huwa kien applika għall-ażil, iżda din l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata, u għadda wkoll minn proċeduri quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, li fis-7 ta' Lulju, 2022 ta deċiżjoni kontra tiegħu. Qal li imkien ma ngħatat raġuni valida għaliex l-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali ġiet rifjutata, u fil-proċeduri li saru quddiem il-Bord, huwa ma ngħatax direzzjoni ċara dwar kif għandu jiddefendi ruħhu, għalkemm wera li huwa dejjem ħadem tul l-erbgħa u għoxrin sena li

ilu f'Malta, stante li ħuh għandu azjenda hawn Malta. Qal li l-Bord għamel apprezzament ħażin tal-provi, għaliex huwa rnexxielu jipprova li għandu familja magħquda ħafna hawn Malta. Qal li fil-fatt in-neputija tiegħu tieħu ħsiebu f'kull ma jkollu bżonn, u għalhekk f'każ li huwa jiġi ordnat jitlaq minn Malta, ser ikun imċaħħad mill-familja tiegħu u ser ikun hemm ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Qal li huwa jsostni li l-esklużjoni tiegħu minn ħajjet il-familja tiegħu lilu ser tiksirlu d-drittijiet fundamentali kif protetti b'dan l-artikolu tal-Konvenzjoni. Qal ukoll li minkejja li l-Bord naqas milli jagħti importanza lit-tentattivi varji tiegħu sabiex ikollu ħajja stabbli f'Malta, kemm fejn jidħol xogħol kif ukoll fejn tidħol familja, dan mhux dejjem kien faċli għalih, u f'każ li huwa jintbagħat lura l-Eġittu wara numru ta' snin hawn Malta, huwa ser ikollu jibda ħajtu mill-ġdid. L-appellant qal li għalkemm fil-proċeduri li saru quddiem il-Bord, huwa ma setax juri li jaħdem f'Malta b'mod regolari minħabba f'diversi sitwazzjonijiet li kien fihom, issa huwa jinsab f'pożizzjoni li juri lill-Qorti li huwa stabbilit fix-xogħol u li qiegħed jaħdem b'mod regolari. Qal ukoll li minkejja li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' u tiddeċiedi ilmenti ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sanċiti bil-Konvenzjoni, fil-fehma tiegħu din il-Qorti għandha tikkonsidra l-potenzjal ta' ksur tad-drittijiet tiegħu meta tiġi biex tagħti s-sentenza finali tagħha.

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

10. Fir-risposta tiegħu, l-Uffiċjal appellat qal li l-appell intavolat mill-appellant huwa wieħed tardiv ai termini tal-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għaliex filwaqt li d-deċiżjoni tal-Bord ingħatat fis-7 ta' Lulju, 2022, l-appell tal-appellant ġie intavolat fid-19 ta' Lulju, 2022. Qal li għalhekk din il-Qorti m'għandhiex tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell.

11. L-appellat qal li l-appell huwa null għaliex ai termini tal-istess artikolu 25A (8) tal-Kap. 217, appell minn deċiżjoni tal-Bord jista' jsir biss fuq punti ta' dritt "rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III", u l-appellant la huwa persuna li huwa ċittadin ta' Stat Membru u lanqas ma jinsab leġittimament fit-territorju ta' Stat li huwa marbut bi Ftehim dwar il-Fruntiera. Qal ukoll li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni hija waħda finali, u li minnha m'hemmx appell għajr dwar punti ta' dritt. L-appellat saħaq ukoll li l-aggravji proposti mill-appellant huma

intiżi biex jindirizzaw reviżjoni tal-provi mressqa quddiem il-Bord sabiex jiġi indirizzat punt ta' dritt. Qal ukoll li jekk wieħed jifli r-rikors tal-appell, jifhem li l-appellant qiegħed jitlob lil din il-Qorti tagħrbel il-provi li kkonsidra l-Bord u għalhekk l-appell huwa null ab initio. Qal ukoll li minn qari tad-deċiżjoni appellata lanqas ma jirriżulta li saret xi inġustizzja manifesta, u għalhekk m'hemm l-ebda lok li din il-Qorti tagħmel xi eċċezzjoni għar-regola ormai stabbilita li ma ssirx reviżjoni mill-ġdid tal-provi miġjuba quddiem qorti jew tribunal tal-ewwel grad minn din il-qorti ta' reviżjoni.

12. L-appellat qal ukoll li f'każ li din il-Qorti tiddeċiedi li għandha tieħu konjizzjoni tal-mertu tal-appell, din għandha tikkonsidra li l-aggravji proposti huma mtappna b'kontradizzjonijiet u preżuppożizzjonijiet illoġiċi u improponibbli. L-appellat qal li fl-ewwel lok għandu jirriżulta li l-proċeduri li saru quddiem il-Bord, ma jikkonċernawx proċeduri ta' għoti ta' protezzjoni internazzjonali, u dawk il-proċeduri huma rregolati mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali, liema deċiżjoni tkun tista' tiġi appellata quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, u dan skont iċ-ċirkostanzi tal-applikazzjoni. Qal li dan kollu huwa desumibbli mill-Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk kemm l-appell li sar quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, kif ukoll l-appell odjern, bl-ebda mod ma jiċċentraw fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar protezzjoni internazzjonali. Qal li għalhekk il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni kkonstata biss li ma kienx minnu li l-appellant ottjena xi forma ta' protezzjoni internazzjonali, u għalhekk huwa ma kellux għalfejn jirtira d-deċiżjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju, 2018 għal ordni ta' ritorn u tkeċċija. Qal ukoll li din il-Qorti mhijiex munita bil-poteri kostituzzjonali jew konvenzjonali sabiex tinvestiga u tiddikjara jekk wieħed mill-artikoli azzjonabbli tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea ġewx leżi jew le.

13. L-appellat qal li huwa interessanti kif l-appellant allega quddiem il-Bord kif ukoll quddiem din il-Qorti, li jekk huwa jirritorna lejn l-Eġittu ser jiġi leż iddritt tiegħu kif sanċit bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex ser jiġi mċaħħad mill-familja tiegħu ġewwa Malta, iżda fl-istess nifs intavola rikors fl-atti tal-appell sabiex jingħata visa bil-għan li jmur l-Eġittu sabiex jara lit-tfal tiegħu. L-appellat qal li għalhekk l-appellant ma setax jargumenta li f'każ li jiġi rimoss minn Malta ser jiġi leż l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba l-familja tiegħu f'Malta, meta huwa stess xtaq li jmur l-Eġittu sabiex jara lit-tfal

tiegħu, jew jikkontendi li f'każ li ma jingħatax ażil ġewwa Malta u jkun kostrett jirritorna lejn l-Eġittu ħajtu ser tkun f'periklu, iżda fl-istess ħin talab visa sabiex imur l-Eġittu. Qal li anki l-aġir tal-appellant għar-rigward tan-notifika ta' dan lappell kienet waħda inspjegabbli, fis-sens li għal raġuni mhux magħrufa, -lappellant baqa' ma nnotifikax lill-appellat ġewwa d-Depot tal-Floriana, li hija magħrufa ma' kulħadd bħala l-post tal-general headquarters tal-Pulizija, u minflok bagħat notifika f'għadd ta' postijiet oħra, bl-intiża li dawn il-proċeduri jkomplu jitwalu. Finalment, l-appellat qal li t-talbiet tal-appellant mhux biss mhumiex fejjieda, iżda għandhom jiġu ddikjarati li huma frivoli u vessatorji.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

14. Qabel tgħaddi biex tikkonsidra l-mertu ta' dan l-appell, il-Qorti sejra flewwel lok, tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni mressqa millappellat li r-rikors tal-appell mill-appellant fil-każ odjern ma rrispettax itterminu perentorju ta' għaxart ijiem stabbiliti fil-liġi, u għalhekk dan l-appell huwa wieħed fuori termine. Il-Qorti tirrileva li kien l-appellant stess li fir-rikors tal-appell tiegħu li spjega li d-deċiżjoni tal-Bord fil-konfront tiegħu ngħatat fis-7 ta' Lulju, 2022, filwaqt li r-rikors tal-appell tiegħu ġie ppreżentat fid-19 ta' Lulju, 2022, jiġifieri tnax-il ġurnata wara li ngħatat id-deċiżjoni mill-Bord. Hawnhekk il-Qorti tosserva li l-appellant ma ressaq l-ebda prova dwar id-data meta huwa ġie notifikat bid-deċiżjoni fil-konfront tiegħu, u għalhekk il-Qorti sejra tqis li lappellant ġie notifikat bid-deċiżjoni dakinhar stess li ngħatat, għalkemm konsiderazzjoni bħal din m'hija tal-ebda rilevanza fiċ-ċirkostanzi odjerni. L-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara li appelli minn deċiżjonijiet tal-Bord jistgħu jitressqu quddiem din il-Qorti biss fi żmien għaxart ijiem minn meta tkun ingħatat id-deċiżjoni mill-Bord, liema terminu f'dan il-każ jirriżulta li ma ġiex osservat. It-terminu ta' għaxart ijiem li fih irid jitressaq l-appell huwa wieħed perentorju u dawn it-termini għandhom jiġu mħarsa għaliex huma ta' ordni pubbliku. In vista tal-fatt li dan l-appell ġie intavolat tardivament, din il-Qorti m'hija sejra tieħu l-ebda konjizzjoni tal-aggravji sollevati mill-appellant, u qegħda għalhekk tikkonferma d-deċiżjoni appellata.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-appell intavolat mill-appellant, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tal-appellant.'**

Rat ukoll id-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni Divizjoni II esebita a fol. 18 et seq tal-process riportata wkoll fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell suesposta.

Rat il-kopja tal-ittra datata 31 ta' Jannar, 2018 li permezz taghha r-rikorrent gie nfurmat li l-applikazzjoni ghal residenza temporanja giet michuda (fol. 21).

Rat l-ittra tal-Avukat tar-rikorrent datata 7 ta' Dicembru, 2022 li permezz taghha, ghan-nom tar-rikorrenti, talbet lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni sabiex jassistih biex huwa jkun jista' jzur it-tfal tieghu gewwa l-Egittu li kien ilu ma jara hames snin u nofs u wara jirritorna Malta (fol. 22).

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) bin-nurmu 3/2011 datata 24 ta' Gunju, 2015 esebita a fol.23 tal-process f'liema decizjoni dik il-Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-intimati u rrifjutat li tezercita s-setghet taghha ai terminit al-artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 u 46 (2) tal-Kostituzzjoni.

Rat ix-**xhieda ta' Louis Buhagiar in rapprezentenza tal-Jobs Plus a .fol. 68 et seq tal-process** u rat id-dokumentazzjoni esebita minnu a fol. 33 et seq tal-process. Jirrizulta li r-rikorrent ghamel tmien applikazzjonijiet ghal permessi ta' xoghol u gew ipprezentati kopja taghhom. Jixhed li l-ahhar dokument tax-xoghol validu li hareg favur ir-rikorrent hareg fit-12 ta' Mejju, 2021 u kien validu sat-12 ta' Awwissu, 2021, dak iz-zmien huwa kien applika ghall-istat ta'

'asylum seeker'. Minn tmien applikazzjonijiet, seba' hargu u wiehed gie rifjutat. Dak rifjutat kien fis-sena 2009. Jghid li qabel kien japplika bhala 'third country national' u wara bhala 'asylum seeker'.

Rat **l-affidavit tar-rikorrent a fol. 62 tal-process** fejn jixhed kif isegwi:

'Jien ili Malta mill-1998. Qed nesebixxi dokument li juri illi jien kont inghatajt estensjoni tal-permess biex nibqa' Malta fi Frar 1998 Dok L. Jien kont gejt Malta mill-Egittu b'mod regolari bl-ajruplan u gejt biex nahdem.

Hawn Malta jien ghandi zewg huti. Ghandi hija Gadalla Ibrahim li huwa mizzewweg mara Maltija li jisimha Maria u llum il-gurnata ghandu tlitt ibniet li ghandhom bejn tmintax u hamsa u ghoxin sena. Ghandi wkoll hija iehor Khalil Semir li huwa wkoll mizzewweg Egizzjana però ghandu karta ta' identita Maltija.

Hija Gadalla ghandu kumpanija li jisimha Rocky & Co Limited (C 36840). Jien kont bdejt nahdem mieghu fuq il-fuhhar. Jien kien harigli l-permess tax-xoghol u fil-fatt inghatajt fost ohrajn is-segwenti permessi: ETC/ELU/21510/61107, ETC/ELU/37934/61107, u ETC/ELU/59763/61107. Ghamilt snin twal nahdem ma' din il-kumpanija ta' hija.

Eventwalment bdejt nahdem ghal rasi u illum ghandi business tieghi tal-fwieha. Nimporta l-fwieha u nbieghha Malta. Dejjem hallast it-taxxa, kemm meta kont impjegat mal-kumpanija ta' huja u kif ukoll issa li ged jahdem ghal rasi.

Jien qatt ma kelli problemi hawn Malta. Ghandi kondotta perfetta. Apparti minn hekk jien tant ili hawn Malta illi nitkellem bil-Malta b'mod perfett u il-kultura Maltija saret parti minni. Nista' nghid illi qtajt kull kuntatt ma' I-Egittu li f'kaz illi kelli nerga' nintbaghat lura nkun qisnu huta barra mill-ilma u ma jkollix fejn nghix ghaliex wara dawn is-snin kollha m'ghandnix inqis l-Egittu bhala pajjizi. Jien inhossni Malti.

Jien kont applikajt ghac-cittadinanza però giet rifjutata.

Jien kont ippresentat kawza ohra simili ghal din però l-Qorti fI-24 ta' Gunju 2015 kien qaltli li jien kelli napplika l-ewwel. Kont dehert quddiem l-Imhallef Joe Azzopardi.

Jien hekk ghamilt, applikajt però l-applikazzjonijiet tieghi ghac-cittadinanza gew rifjutati. L-ahhar li kont ghamilt kien appell minn ordni ta' ritorn u ta' tkeccija minn Malta. Jien appellajt quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar I-Imigrazzioni u b'decizjoni taghha tas-7 ta' Lulju 2022 tlift l-appell. Imbaghad kont appellajt il-Qorti u b'sentenza ta' l-Imhallef Mintoff tas-26 ta' Lulju 2023 l-appell tieghi gie michud u ghalhekk ma kelli l-ebda triq ohra hlief illi niftah din il-kawza.'

Rat li r-**rikorrent xehed in kontro-ezami a fol. 318 et seq tal-process.** Jikkonferma li ghalkemm gie Malta fis-sena 1998 huwa applika ghall-azil fis-sena 2018 wara li kien gie nfurmat li ser jigi deportat. Applika minhabba l-problema tal-ISIS li joqtlu l-insara, jaghmlu l-bombi fil-Knisja. Jghid li huwa mar l-Egittu fis-sena 2016 u fis-sena 2017 u li ilu seba' snin ma jara l-mara u t-tfal. Jikkonferma li l-Egittu ghandu l-mara u t-tfal, tifla ta' 22 sena, tifel ta' 18-il sena u tifla ta' 14-il sena. Jghid li l-familja kollha kristjani. Il-mara jisimha Marcel u toqghod l-Egittu. Ilu seba snin ma jara lil martu u

uliedu. Jikkonferma li uliedu kollha jinsabu l-Egittu. Ma jiftakarx li kellu disgwit mas-segretarja tal-Bord. Malta ghandu l-hutu u l-mara ta' wiehed minnhom hija Maltija. Mistoqsi ghalfejn hu jrid jibqa' Malta meta ghandu l-mara u t-tfal l-Egittu jghid li huwa jixtieq igibhom mieghu jghixu Malta. Ma jridx jghix l-Egittu ghax ilu hamsa u ghoxrin sena hawn Malta, ghomru kollu f'Malta:

'Leee ghax jiena ilni ghomri kollu 25 sena hawn Malta. Ghomri kollu f'Malta jien nghix hawn bhal huti t-2 ghexu Malta. Ngibhom mieghi u igu Malta, jghixu Malta. M'ahna ghandi l-prblema fl-Egittu. Ha hobbux l-insara.' (fol. 327)

Izid li l-insara fl-Egittu jinqatlu bis-sikkina u li huwa ghex aktar Malta milli fl-Egittu. Ilu mizzewweg mit-23 ta' Lulju 2000. Martu u wliedu qatt ma dahlu Malta, jixtiequ jghixu Malta bhal ma ghamlu l-kugini taghhom. Jikkonferma li jibza' li jekk imur l-Egittu huwa ser isofri disrkiminazzjoni minhabba li huwa nisrani. Jinsisti li huwa dejjem hallas u l-bolla u meta talab visa biex imur jara lill-mara u t-tfal ma tawhielux. Huwa izzewweg gewwa Iki fl-Egittu.

Rat **l-affidavit ta' hu r-rikorrent Khalil Semir a fol. 66** li jghid li ilu Malta mis-sena 1999, mizzewweg u ghandu zewg subien llum kbar. Hu, il-mara u t-tfal lkoll ghandhom ic-cittadinanza Maltija. Ir-rikorrent ilu Malta mis-sena 1998. Jghid li meta wasal huh ir-rikorrent beda jahdem ma huh Gadalla u tul is-snin kollha baqa jahdem u jhallas it-taxxi, qatt ma kellu inkwiet ma' hadd f'Malta. Izid li l-unici membri tal-familja tieghu huma l-familja tieghu u huh l-iehor Gadalla u li r-rikorrent ilu snin twal li qata l-kuntatt mal-Egittu. Dan ix-xhud xehed in kontro-ezami a fol. 335 et seq tal-process. Jghid li joqghod ma' huh ir-rikorrent u b'hekk jaf li huh dejjem hadem u hallas it-taxxi. Jaqbel li huh ir-rikorrent mhux dejjem kellu permess ta' residenza. Ma jafx bl-incident fejn kellhom

jigu l-ufficcjali ta' detenzjoni ghal huh ir-rikorrent. Jaqbel lil huh ir-rikorrent ghandu membri tal-familja fl-Egittu. Jaqbel li ghandu tlett-it tfal u li r-rikorrent ilu ma jarahom fis-snin 2016 u 2017.

Rat **l-affidavit ta' huh l-iehor Gadalla Ibrahim a fol 67 tal-process** li jghid li gie f'Malta fis-sena 1996, izzewweg mara Maltija u ghandu 'business' tal-fuhhar registrat bl-isem ta' Rocky & Go Limited. Ir-rikorrent kien impjegat mieghu biex jahdem fil-fuhhar. Ghandu t-tfal kbar u huwa cittadin Malti. Izid li dan l-ahhar Khalil kien qed jahdem ghal rasu ghax beda negozju tieghu fuq il-fwejjah. Jikkonkludi kif isegwi:

'Naf illi Khalil m'ghadx ghandu kuntatti ma' l-Egittu u jqis lilu nnifsu Malti. Jien u hija l-iehor u l-familji taghna huma l-unici familji tieghu.

Kemm ilu Malta naf li Khalil dejjem hadem kemm felah u qatt ma kellu inkwiet ma' hadd.'

Rat li dan ix-xhud **xehed in kontro-ezami a fol. 308 et seq tal-process.** Jikkonferma li r-rikorrent ghandu t-tfal l-Egittu u jsemmi tlett ismijiet. Jghid li f'Malta huma l-unici familjari tieghu kif sostna fl-affidavit. Isostni li fl-Egittu m'ghandux familjari ohra ghajr it-tfal.

Rat in-**nota tar-rikorrent a fol. 74 et seq tal-process** li permezz taghha esebixxa tlettax-il ricevuta tal-bolla mhallsa minnu, sett ta' disa rendikonti tat-taxxa, tlett permessi ta' mpjieg, zewg dikjarazzjonijiet tas-sigurta' socjali, FS 3, FS5, tlettax-il rendikon profit and loss ai fini ta' hlas ta' taxxa, numru ta' formoli tat-taxxa, permess ta' residenza u permess ta' dhul f'Malta tas-sena 1998.

Rat l-**affidavit ta' Frankie Sammut Spettur tal-Pulizija fl-Ghassa ta' San Giljan a fol. 137 u 138** tal-process fejn dwar dak li jaf mill-proceduri tar-rikorrent jixhed kif isegwi:

'Lis-Sur Rezk Gadalla dahal Malta fid- 9 ta' Frar tas-sena 1998. Kien intavola protedur fil-Prim Awla tal-Qorti Civili b'numru ta' referenza 3/2011JA fl-ismijiet "Khalil Khalil Rezk Gadalla vs L-Onorevoli Pri Ministru Et" liema procedura giet deciza kontra dak mitlub mis-Sur Rezk Gadalla nhar l-24 ta Gunju 2012. Kien hemm proceduri ohra b'numru ta referenza 1009/20092009 li giet deciza fid- 9 ta' Marzu 2011 mill-Prim Awla Qorti Civili.

Irid jinghad illi sakemm saru dawn il-proceduri imsemmija hawn fuq s-Sur Rezk Gadalla kien inghata permess temporanju sabiex jirrisjedi Malta validu sas- 26 ta' Dicembru 2017 kif ukoll kienu saru arrangamenti mal-Avukat Generali sabiex jithallsu l-ispejjez tal-Qorti. Is-Sur Gadalla ma waqafx hawn izda wara li ma giex imgedded il-permess temporanju illi kien inghata sakemm jinqatghu il-proceduri gudizzarji, kien appella quddiem il- Bord tal-Appelli dwar I-Immigrazzioni fejn kien talab sabiex jiggedded tali permess ta' residenza. Din it-talba giet michuda nhar it-2 ta' Mejju 2018.

Jien meta gejt infurmat b'tali decizjoni nhar it-13 ta Gunju 2018 hrigtlu ordni ta' ritorn kif ukoll ordni ta' tnehhija u s-Sur Rezk Gadalla gie riferut u mizmum fic-centru ta' detenzjoni gewwa Hal Safi sabiex jibdew il- proceduri ta' ritorn. Fl-14 ta' Gunju 2018 is-Sur Gadalla applika ghall azil u l-ordni ta' ritorn u l-ordni ta' tehhija gew sospizi sakemm tigi ezaminata tali applikazzjoni. L-applikazzioni tal-azil giet michuda fis-6 ta' Lulju 2018 u kkonfermata quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati nhar it-

30 ta' Lulju 2020. Waqt li kienu ghaddejjin dawn il-proceduri s-Sur Gadalla gie rilaxxat mid-detenzioni b'kundizzjonijiet alternattivi minhabba l-kundizzjoni medika ta' sahhtu nhar it-12 ta' Lulju 2018. Dan kien gie ezaminat minn Psikjatra jekk niftakar sew Dr Mark Xuereb.

Wara illi gew fi tmiemhom il- proceduri tal-Azil setghu jitkomplew il-proceduri quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-immigrazzjoni. Jien ircevejt korrispondenza mic-Chairperson tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni Dr Maria Cardona datata 28 ta' Settembru 2020 dwar incident abbusiv minn naha tas-Sur Rezk Gadalla li sehh f'nofs Awissu 2020 fil-konfront tal-iskrivani tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzioni liema incident jien kont get a konjizzjoni tieghu immedjatament fejn kienet ittiehdet azzjoni immedjata u s-Sur Gadalla kien rega gie mizmum nhar il- 15 t' Awissu 2020 fic-centru ta' detenzjoni sakemm jitkomplew il-proceduri quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni sabiex nissalvagwardjaw s-sigurta tal- membri tal-bord u min jahdem fl-ufficini taghhom.

Nhar id-9 ta' Novembru 2020 is-Sur Rez Gadalla rega′ prezenta certifikat mediku dwar sahhtu u gie rilaxat mid-detenzjoni b' kundizzionijiet sakemm jinqatghu l-proceduri quddiem il-Bord tal-Appelli Dwar l-Immigrazzjoni. Is-Sur Rerzk Gadalla sussegwentement rega′ ghamel talba ghall-azil nhar l-4 ta' Dicembru 2020 liema talba giet michuda quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati nhar it-23 ta' Frar 2022. Wara din id-decizjoni il-Proceduri quddiem il-Bord tal-Appelli Dwar I-Immigrazzjoni tkomplew u gew fi tmiemhom nhar is- 7 ta' Lulju 2022 bil-Bord tal-Appelli jilqa t'talba tal- Ufficjal Principali tal-Immigrazzioni fejn ikkonferma I-ordni ta' Ritorn u ta' tnehhija.

Illi s-Sur Rezk Gadalla wara d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzioni appella liema appell instema quddiem l-Imhallef Wenzu Mintoff. Waqt dan l-appell is-Sur Gadalla nhar is-7 ta' Dicembru 2022 ghamel talba quddiem il-Qorti sabiex jinghata permess li jkun jista' jsiefer lura l-Egittu biex jara lil bintu u jkun jista jigi lura liema talba giet oggezionata mill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni u ma gietx milqugha mill-Qorti. Nhar is-26 ta' Lulju 2023 kellu s-sentenza quddiem l-Imhallef Wenzu Mintoff michuda.'

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess affidavit lkoll relatata mas-sitwazzjoni tar-rikorrent f'Malta u l-applikazzjonijiet tieghu ghall-azil. Partikolarment rat li fl-applikazzjni ghall-azil ir-rikorrent sostna li telaq minn pajjizu ghaliex gie mhedded mill-ISIS stante li huwa Kristjan Ortodoss u dan wara li gie mhedded sabiex jikkonverti u sabiex bintu tikkonverti u tizzewweg musulman. Din l-applikazzjoni ggib id-data tal-21 ta' April, 2021. F'din id-dokumentazzjoni r-rikorrent jghid ukoll li wara li gie mhedded huwa harab lejn Malta filwaqt li l-familja tieghu marret tghid mal-kunjati tieghu il-boghod kemm jista' jkun mill-iskrutinju tan-nies. Il-Qorti rat ir-ragunijiet kollha ghalfejn ir-rikorrent sostna li kellu jinghata status ta' refugjat, ir-rakomandazzjonijiet li saru dwaru u d-diversi decizjonijiet li ttiehdu f'diversi strati li lkoll ikkonfermaw ir-rifjut.

Rat **ix-xhieda ta' Dr. Sarah Ezabi, avukat fi hdan l-International Protection Agency for Refugee Commission** a fol. 331 tal-process. Tghid illi t-talba ghall-istat ta' refugjat ma kinitx gie milqugha ghaliex fl-assessment meta saritlu l-intervista ma kienx hemm kredibbilta' minn naha tieghu dwar ir-ragunijiet ghalxiex kien qed japplika ghall-azil allura l-applikazzjoni inghalqet bhala 'rejected'. Dahlet it-tieni applikazzjoni nhar l-4 ta' Dicembru, 2020 u fil-21 ta' April tas-sena 2021 l-applikazzjoni giet maghluqa bhala

inammissibbli ghaliex ma gewx prezentati elementi godda u wara kien sar appell. Fit-termini tal-kapitlu 420 tal-Ligijiet ta' Malta l-Agenzija tqis l-Egittu bhala pajjiz sigur.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi din il-Qorti tqis li in vista tal-fatt li l-fatti fil-kaz odjern huma ferm cari ser tghaddi sabiex mill-ewwel tqis il-mertu, konsegwentement, biss jekk ikun hemm bzonn tidhol f'analizi tal-eccezzjonijiet preliminari.

Illi r-rikorrent isostni li bl-agir taghhom l-intimati jew min minnhom qed jilledu d-dritt tieghu ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja u d-dritt ta' protezzjoni minn trattament inuman u degradanti fit-termini tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni tal-Ewropa dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-artikolu 3 tal-istess Konvenzjoni u l-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni.

Illi dwar l-allegata lezjoni tad-dritt tieghu ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja, l-Qorti rat li mill-provi jirrizulta li l-familja immedjata tar-rikorrent ma tinsabx Malta kif qed jipprova jsostni r-rikorrent izda fil-fatt tinsab fl-Egittu. Irrizulta mill-provi li mart ir-rikorrent u t-tlett uliedu lkoll jghixu gewwa l-Egittu tant li r-rikorrent kull meta nhargitlu visa mar hdejn il-familja tieghu fl-Egittu. Jsostni wkoll li ilu fuq seba' snin ma jara lill-familjari tieghu ghaliex ma nhargulux aktar permessi ta' visa. Il-Qorti tqis ta' rilevanza kbira u pjuttost ta' suspett fuq il-genwinita' o meno tax-xhieda tar-rikorrent u hutu l-fatt li fl-affidavits taghhom kif ukoll fir-rikors promotur imkien ma jissemma li r-rikorrent ghandu mara u tlett it-tfal jirrisjedu l-Egittu. Din il-Qorti temmen mill-provi li rat fl-atti li dan il-fattur thalla mistur apposta da parti tar-rikorrent u hutu fil-provi tieghu.

Il-Qorti tqis li l-argument tar-rikorrent huwa pjuttost kontradittorju ghaliex filwaqt li jsostni ksur tal-hajjar privata u tal-familja jirrizulta li effettivament hija l-insistenza tal-istess rikorrent libilfors irid jibqa jghix Malta li qed izzommu milli jgawdi l-hajja privata tieghu u tal-familja ma' martu u wliedu.  Din il-Qorti ma tistax tifhem kif jista' r-rikorrent idawwar dan l-argument favur tieghu u jsostni li huma l-awtoritajiet li qed icahhduh minn dan id-dritt meta huwa hu stess li qed jirrifjuta li jmur lura l-Egittu fejn appuntu hemm martu u wliedu.  Verament ir-rikorrent ghandu l-hutu u l-familji ta' hutu Malta izda dan ma jfissirx li allura huwa ghandu dritt li jibqa jirrisjedi fil-Gzejjer Maltin.  Huwa car ghal din il-Qorti li r-rikorrent kien kuntent jghix Malta l-boghod minn martu u wliedu sakemm kellu l-possibilita' li jmur izurhom.  Tant hija cara l-intenzjoni tar-rikorrent li ghall-ebda raguni ma jrid imur lura l-Egittu li hu stess jixhed li l-intenzjoni tieghu hija li jgib lil martu u wliedu joqoghdu fil-gzejjer Maltin ghaliex hekk qed jaghmlu hutu.  Din il-Qorti tqis li dan kollu bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jinftiehem li qed jikser id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja tar-rikorrent filwaqt li s-sitwazzjoni li jinsab fiha r-rikorrent gabha hu stess b'idejh w'ghaldaqstant din l-allegazzjoni hija kompletament infondata u l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

Illi dwar l-allegata vjolazzjoni tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u 36 tal-Kostituzzjoni, fejn ir-rikorrent isostni d-dritt fundamentali ta' protezzjoni minn trattament inuman u degradanti, l-Qorti rat li tul numru ta' snin ir-rikorrent kellu diversi opportunitajiet sabiex jevidenzja l-allegazzjonijiet tieghu quddiem il-Kummissjoni kif ukoll quddiem il-Bord izda ma rnexxilux jissodisfa l-oneru tal-prova ghaliex gie meqjus li ma kienx kredibbli.  Din il-Qorti wara li rat il-provi kollha fl-atti tqis li taqbel ma' dak gia deciz fir-rigward stante li ma giet prezentata l-ebda prova konklussiva sal-grad

rikjest mil-ligi li r-rikorrent, jekk imur lura l-Egittu jista' jgi espost ghal xi trattament inuman u degradanti. Anzi din il-Qorti tqis li s-semplici fatt li kemm ilu Malta r-rikorrent mar l-Egittu diversi drabi sabiex jara lill-familja mmedjata tieghu dan aktar jevidenzja bil-kontra u cioe' li lura fl-Egittu ma hemm l-ebda theddida imminenti ghal hajtu, ghaliex kieku dan tal-ahhar kien minnu certament ir-rikorrent lanqas kien jazzarda jersaq lejn l-Egittu u mhux imur aktar minn darba. Apparti minn hekk din il-Qorti tqis li l-istqarrijiet li ghamel ir-rikorrent mal-awtoritajiet tal-immigrazzjoni xejn ma ghandhom mill-verita. Fil-fatt huwa jghid li telaq mill-Egittu ghax gie mhedded biex jikkonverti u sabiex bintu tikkonverti wkoll u tizzewweg musulman. Dan inghad fis-sena 2021. Tenut kont li r-rikorrent gie Malta fis-sena 1998, jirrizulta li sa dak iz-zmien la kien mizzewweg u wisq anqas kellu t-tfal. Fil-fatt hu stess jiddikjara li l-kbira minn uliedu ghandha 22 sena. Huwa ghalhekk evidenti li dak li sostna r-rikorrenti m'ghandux mill-verita. Din il-Qorti ghalhekk tqis li anki din il-pretensjoni da parti tar-rikorrent mhix fondata.

Illi in vista li l-Qorti tqis li l-pretensonijiet fil-mertu tar-rikorrent kjarament mhumiex fondati tant li tqishom bhala frivoli u vessatorji ghall-ahhar u ser tghaddi sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrent, tqis li futli li toqghod tidhol f'evalwazzjoni tal-eccezzjonijiet preliminari.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-ilment kostituzzjonali odjern billi tilqa' l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-intimati sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak hawn deciz, tqis li mhux lok li jigu decizi wkoll l-eccezzjonijiet preliminari fic-cirkostanzi, tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha

tar-rikorrent filwaqt li tiddikjara r-rikors odjern bhala frivolu u vessatorju.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**03 ta' Ottubru, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**03 ta' Ottubru, 2024**